MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 2118/1998/1

Raymond **PSAILA**

vs

**PISCICULTURE MARINE DE MALTE LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-20 ta' Ottubru, 1998, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (a) ssib li l-kumpannija mħarrka taħti għall-korriment u l-ħsara li ma tgħaddix li huwa ġarrab f'inċident li ġara fit-22 ta' Ottubru, 1995, waqt li kien qiegħed jogħdos fil-baħar waqt ix-xogħol tiegħu mal-istess kumpannija mħarrka; (b) tillikwida d-danni mġarrbin minnu bi ħtija tal-istess kumpannija mħarrka, jekk meħtieġ billi

tqabbad periti biex jaslu għal-likwidazzjoni; u (ċ) tikkundanna lill-istess kumpannija mħarrka tħallsu d-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fil-31 ta' Mejju, 1999 li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li l-azzjoni tal-attur kienet waqgħet bil-preskrizzjoni tas-sentejn għall-finijiet tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Laqgħet ukoll billi qalet li hija ma taħtix għal dak li ġara lill-attur, u għalhekk lanqas hija marbuta li tħallsu xi kumpens għad-danni li jgħid li ġarrab;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-21 ta' Frar, 2000[1], li bih ħatret lit-Tabib John Paċe Balzan bħala espert mediku biex jeżamina lill-attur;

Rat ir-Rapport imressaq mill-perit mediku fl-4 ta' Lulju, 2000[2], u minnu maħluf waqt is-smigħ tas-26 ta' Jannar, 2001;

Rat is-sentenza tagħha (diversament presjeduta) tat-2 ta' Ottubru, 2000[3], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija mħarrka fit-2 ta' Frar, 2001[4], li biha talbet il-ħatra ta' periti mediċi addizzjonali;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-27 ta' Frar, 2002[5], li bih ħatret lil kirurgi Charles Borġ, Mario Said u Anthony Grixti Soler bħala esperti mediċi addizzjonali;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda dik permezz tal-affidavit;

---

[1] Paġ. 19 tal-proċess
[2] Paġġ. 30 – 2 tal-proċess
[3] Paġġ. 35 sa 40 tal-proċess
[4] Paġ. 60 tal-proċess
[5] Paġ. 141 tal-proċess

Rat id-degriet kamerali tagħha tas-16 ta' Frar, 2004[6], li bih laqgħet it-talba tal-attur li jitħalla jerġa' jixhed biex jirribatti xhieda mressqa mill-kumpannija mħarrka fl-aħħar smigħ tat-tressiq tal-provi tagħha;

Rat ir-rapport mediku mressqa mill-periti mediċi addizzjonali fil-25 ta' Mejju, 2005[7], liema rapport ġie supplementat b'ieħor imressaq minnhom fit-28 ta' Ġunju, 2005[8], u minnhom maħluf kif imiss waqt is-smigħ tat-8 ta' Novembru, 2005;

Rat ix-xhieda mogħtija mill-esperti mediċi addizzjonali waqt is-smigħ tal-4 ta' Mejju, 2006[9], u tas-17 ta' April, 2007[10] imressqin b'xhud in eskussjoni mill-partijiet fil-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' April, 2007, li bih u fuq talba magħmula mill-avukati tal-partijiet, ordnat li jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom b'Noti;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fit-2 ta' Ottubru, 2007[11];

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fl-20 ta' Novembru, 2007[12];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni wara korriment fuq il-post tax-xogħol. L-attur kien jaħdem bħala għaddas mal-kumpannija mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "PMM").

[6] Paġġ. 219 sa 221 tal-proċess
[7] Paġġ. 269 – 271 tal-proċess
[8] Paġġ. 276 – 7 tal-proċess
[9] Paġġ. 294 sa 308 tal-proċess
[10] Paġġ. 339 sa 349 tal-proċess
[11] Paġġ. 355 sa 370 tal-proċess
[12] Paġġ. 372 sa 382 tal-proċess

Huwa jgħid li waqt li kien jogħdos waqt ix-xogħol tiegħu, biex jiġbor xi ktajjen u ħadid minn qiegħ il-baħar, ħassu ħażin u ħass uġigħ qawwi f'widintu x-xellugija u baqa' mtarrax minnha minn dak inhar. Huwa jgħid li dak l-inċident taħti għalih PMM billi naqset li tipprovdi sistema ta' xogħol ħielsa mill-periklu għall-ħaddiema u għalhekk imissha tagħmel tajjeb għad-danni li ġarrab. Huwa jgħid li se' jibqa' jbati disabilita' għal dejjem u billi PMM baqgħet ma tridx taf dwar aċċettazzjoni ta' responsabbilta' għal dak li ġara u għal ħlas ta' kumpens, kellu jiftħilha din il-kawża;

Illi, għal din l-azzjoni PMM laqgħet billi eċċepiet il-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi, u billi ċaħdet li hija kienet b'xi mod responsabbli għal dak li ġara lill-attur;

Illi b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fit-2 ta' Ottubru, 2000, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma ntlaqgħetx;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-attur twieled f'Mejju tal-1964 u huwa għażeb. Huwa għaddas kwalifikat biex jogħdos sa fond ta' ħamsa u tletin (35) metru[13]. Kien għamel xi żmien fil-Forzi Armati ta' Malta u ħadem bħala għaddas "*part time*" mal-"*bomb disposal unit*" għal madwar sena w nofs[14]. Huwa kien daħal jaħdem ma' PMM f'Mejju tal-1995[15]. PMM tħaddem razzett tal-ħut fil-Mistra taħt ir-riħ tal-Gżejjer ta' San Pawl, fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar, magħmul minn għadd ta' gaġeġ għat-trobbija u s-simna tal-ħut;

Illi nhar it-22 ta' Ottubru, 1995[16], huwa kien imissu jaħdem fuq "*roster*" ta' għadis ma' tnejn minn sħabu – Stephen Tagliaferro u Mario Frendo. Ix-xift tagħhom suppost kellu jibda fis-sitta ta' filgħodu u kien mistenni minnhom li jerfgħu l-ħut il-mejjet li kien hemm miġmugħa f'waħda mill-gaġeġ (bin-numru 37) u wkoll ċima li żżomm il-gaġġa. Kienu riekba, bit-tagħmir b'kollox, f'dgħajsa u kienu qegħin jiġbdu magħhom dgħajsa oħra biex fiha jqiegħdu l-ħut il-

[13] Dokti "RP1" u "PM2", f'paġġ. 81 u 136 tal-proċess
[14] Xhieda tiegħu 30.3.2001, f'paġ. 63 tal-proċess
[15] Affidavit tal-attur f'paġ. 43 tal-proċess
[16] Ara Dok "RA1", f'paġ. 208 tal-proċess

mejjet li kienu ntalbu jtellgħu minn dik il-gaġġa[17]. Wieħed minnhom kien jogħdos, u t-tnejn l-oħrajn jibqgħu jindokrawh fid-dgħajsa. Meta jitla' l-għaddas, jinżel ieħor ġol-gaġġa u l-proċess jerġa' jittenna sa ma kollha jkunu niżlu ġol-gaġġa meta jmisshom. L-attur messu jogħdos għall-ħabta tas-14.30. Dak inhar, fil-gaġġa partikolari, kien hemm għadd kbir ta' ħut mejjet[18];

Illi kif kien qiegħed jogħdos f'fond ta' madwar tmintax-il (18) metru u wasal ħinu biex jitla' lura fil-wiċċ, għalaq il-valv tal-pajp li jagħmel mill-"*air lift*" (bħal "*vacuum cleaner*" li tintuża biex tiġbed il-ħut il-mejjet minn qiegħ il-gaġġa) u beda tiela' lejn wiċċ il-baħar. Jgħid li, hu u tiela' ntebah li sħabu bdew jitħabtu biex itellgħu l-pajp fuq id-dgħajsa għax beda jiżolqilhom. Għalhekk hu qatagħha li jgħinhom billi jipprova jiġbed 'il fuq katina tal-azzar li tintuża biex iżżomm 'l isfel dak il-pajp biex itellagħha lejn wiċċ il-baħar, imma ħassu ħażin u qabdu wġigħ f'widintu x-xellugija. Il-pajp ittella' fuq id-dgħajsa. Malli l-attur tela' f'wiċċ l-ilma, ħassu ħażin u sħabu ġibduh fuq id-dgħajsa u ħaduh l-art fil-bini ta' PMM sakemm stejqer;

Illi wara xi ħin, għalkemm baqa' mtarrax mis-smigħ, saq lejn id-dar u wassal lil Tagliaferro d-dar tiegħu f'Ħaż-Żabbar[19]. Dak il-lejl, l-attur tah attakk ta' sturdament u tqalligħ u filgħodu bagħat għat-tabib tiegħu;

Illi l-attur ma daħalx għax-xogħol bejn dak inhar tal-inċident u l-aħħar tax-xahar. Reġa' daħal għax-xogħol ma' PMM mill-bidu ta' Novembru[20] u baqa' jaħdem bħala għaddas sa Jannar tal-1997;

Illi fis-6 ta' Novembru, 1995[21], PMM bagħtet Rapport tal-Korriment lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali. Fid-9 ta' Novembru, 1995[22], l-attur attenda t-taqsima tal-E.N.T. fl-Isptar San Luqa. Għall-ħabta tal-bidu ta' Jannar tal-1997, huwa ressaq ċertifikat maħruġ minn tabib li kien qed

[17] Xhieda ta' Raymond Aquilina 19.11.2003, f'paġ. 225 tal-proċess
[18] Affidavit ta' Stephen Tagliaferro Dok "ST1" u ta' Mario Frendo Dok "MF1", f'paġġ. 51 u 53 tal-proċess
[19] Affidavit ta' Stephen Tagliaferro f'paġ. 52 tal-proċess
[20] Dok "PM1", f'paġ. 135 tal-proċess
[21] Dok "RA5", f'paġġ. 212 – 3 tal-proċess
[22] Dok "RA4", f'paġ. 211 tal-proċess

jinviżtah li kien jgħid li ma kienx jirrakkomanda li l-attur jerġa' jogħdos[23]. Jumejn wara, PMM temmet l-impieg tal-attur[24] b'seħħ mill-15 ta' dak ix-xahar u ħallsitu n-nofs tal-paga li kien għad fadallu jieħu sa ma kellu jagħlaq il-kuntratt tal-impieg għal żmien definit (kif imġedded) fl-aħħar ta' April ta' dik l-istess sena[25];

Illi fi Frar tal-1997, id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali aċċetta li l-attur kellu disabilita' permanenti u ma setax jaħdem aktar minħabba t-telf ta' smigħ fi grad ta' tletin fil-mija (30%)[26]. Fil-25 ta' Ġunju, 1997, id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali awtorizza l-ħruġ ta' pensjoni ta' diżabilita' favur l-attur, b'seħħ b'lura mill-4 ta' Novembru, 1995, liema pensjoni għadha titħallas sal-lum[27]. L-attur sab impieg ieħor f'qasam differenti minn dak li kien jaħdem fih sakemm kien impjegat ma' PMM. Fil-5 ta' Settembru, 1997, l-attur interpella lil PMM b'ittra uffiċjali, liema talba PMM ċaħdet b'ittra legali tal-11 ta' Frar, 1998[28];

Illi fl-20 ta' Ottubru, 1998, infetħet din il-kawża;

Illi l-konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ li l-Qorti għandha quddiemha joffru firxa interessanti ta' stħarriġ li tintrabat maċ-ċirkostanzi partikolari tal-istess każ;

Illi, bħal f'kull każ ieħor ta' azzjoni mibnija fuq id-dannu u l-kumpens pretiż, l-ewwel stħarriġ li trid tagħmel il-Qorti huwa dak dwar x'ġara tassew fl-episodju in kwestjoni u x'rabta kellu ma' dak li għadda minn għalih l-attur. B'dan il-mod, tkun f'qagħda li tagħmel il-kostatazzjonijiet tagħha dwar min jaħti għal dak li ġara u min irid jagħmel tajjeb għalih;

Illi t-teżi waħdanija tal-attur hija li MPP naqset li tħaddem sistema tajjeb u xieraq biex saħħtu ma titqiegħedx f'periklu waqt li kien qed jaħdem magħha. Huwa jgħid li korra waqt li kien qiegħed jaħdem u waqt li kien qed

---

[23] Dok "RA8", f'paġ. 216 tal-proċess
[24] Xhieda ta' Robert Aquilina 27.2.2002, f'paġ. 170 tal-proċess
[25] Dok "RA7", f'paġ. 215 tal-proċess
[26] Dok "RP1", f'paġ. 5 tal-proċess
[27] Xhieda ta' Adrian Attard 4.6.2003, f'paġġ. 200 – 1 u 204 tal-proċess
[28] Dok "D", f'paġ. 25 tal-proċess

jagħmel dak li tqabbad jagħmel. Il-Qorti jkollha tgħid li dak li jsemmi l-attur fl-ewwel premessa tal-Att taċ-Ċitazzjoni u fl-ewwel paragrafu tad-Dikjarazzjoni Maħlufa tiegħu[29] m'huwiex għal kollox sewwa: huwa ma tqabbadx jogħdos biex "itella' b'idejh ktajjen u ħadid minn ġo qiegħ il-baħar", iżda tqabbad jogħdos (flimkien ma' żewġ sħabu oħrajn) ġo gaġġa biex itella' l-ħut mejjet li kien hemm maqbud ġo fiha;

Min-naħa tagħha, MPP tiddefendi l-każ tagħha fuq tliet argumenti: l-ewwel hu li l-attur ma tqabbadx itella' ktajjen jew ħadid, imma biss li jtella' ħut mejjet minn ġo gaġġa; it-tieni wieħed hu li, f'kull każ, jekk kemm-il darba l-attur u sħabu kellhom bżonn l-għajnuna biex itellgħu l-pajp tal-*air lift* sal-wiċċ tal-baħar, messhom talbu l-għajnuna; u t-tielet wieħed hu li, f'kull każ, dak li ġarrab l-attur ġabu b'idejh, għaliex ftit jiem biss wara l-episodju, raġa' beda jogħdos fuq xogħol magħha u dam sejjer hekk għal aktar minn sena oħra. Għalissa, dwar l-ewwel argument, u bħala puntwaliżżazzjoni ta' fatt u f'ġieh is-sewwa, l-atti tal-każ juru li l-attur u sħabu ma ntalbux biss jerfgħu l-ħut il-mejjet mill-gaġġa sebgħa u tletin (37), – għalkemm dak jidher li kien ix-xogħol ewlieni li kienu qegħdin jagħmlu – iżda wkoll li jirfdu ċ-ċima tan-nofs, flimkien ma' xogħol ieħor[30]. F'dan ir-rigward, is-sottomissjonijiet ta' PMM[31] li xogħol l-attur dakinhar kien biss dak li jiġbor il-ħut mejjet m'għandhiex mis-sewwa;

Illi l-Qorti sejra għalhekk tistħarreġ il-kwestjoni tar-**responsabbilta' għal dak li wassal għall-inċident u għall-korriment tal-attur** fid-dawl kemm tal-pretensjonijiet tal-istess attur u wkoll tal-imsemmija difiżi mressqa minn PMM;

Illi bħala punt tat-tluq dottrinali, huwa magħruf li fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli speċjali dwar dak li jiġri meta ħaddiem jew terza persuna ġġarrab inċident bħal dak. Bit-tħaddim tar-regoli

[29] Paġġ, 1 *tergo* u 3 tal-proċess
[30] Ara Dok "RA1", f'paġ. 208 tal-proċess
[31] Par. 7 tan-Nota tas-Sottomissjonijiet, f'paġ. 373 tal-proċess

ġenerali tal-liġi dwar ir-responsabbilta' għal dak li wieħed irid iwieġeb għalih minħabba xi għamil jew nuqqas tiegħu[32], is-sejbien ta' ħtija għal inċident bħal dak jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh;

Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu (dak li bosta jsejħulu "*a safe system of work*") fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbilta' fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa[33] u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiem[34]. Huwa stabilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni[35]. Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi[36];

Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbilta' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurta' tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq[37], u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi

[32] Art. 1031 tal-Kap 16
[33] Art. 6(2) tal-Kap 424
[34] Art. 6(3) tal-Kap 424
[35] Kumm. JH **9.9.1981** fil-kawża fl-ismijiet ***Godfrey Borġ vs George Wells et noe*** (mhix pubblikata)
[36] P.A. **10.10.1980** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Fino*** (mhix pubblikata)
[37] Art. 7(1) tal-Kap 424

tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti[38] u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel[39]. B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri ażżardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru[40];

Illi dan kollu juri li r-responsabbilta' tal-imgħallem m'hijiex waħda li tabilfors tintrabat miegħu awtomatikament għal kull inċident li jġarrab xi impjegat tiegħu waqt ħin ix-xogħol (dik li tissejjaħ "*strict liability*"). Għalkemm hija responsabbilta' li titlob prudenza, għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[41], ma titlobx grad ogħla ta' responsabbilta', u tista' saħansitra tixxejjen jekk kemm-il darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel[42];

Illi biex isir stħarriġ xieraq tad-dinamika dwar kif ikun seħħ inċident, jeħtieġ li l-Qorti tqis l-"ambjent kollu tal-post tax-xogħol"[43], jiġifieri mhux biss tal-makkinarju jew l-impjant li fuqu jew bih ikun qiegħed jitwettaq ix-xogħol magħżul, imma saħansitra l-mod kif ikun qed jitwettaq ix-xogħol u l-ambjent li fih il-ħaddiem involut ikun tqiegħed jaħdem mill-imgħallem tiegħu;

Illi għal dak li jirrigwarda ċ-ċirkostanzi madwar dak li kien qiegħed jagħmel l-attur u dak li għadda minn għalih ma huwiex kontestat mill-partijiet li l-attur tqabbad jaħdem ma' PMM bħala għaddas u fuq il-ħila u l-kwalifiki li huwa wrieha li għandu f'din il-linja ta' xogħol. Qabel ma daħal jaħdem magħha, kien diġa' kellu esperjenza fl-għadis bħala xogħol, u dan kien f'qasam li ma kienx nieqes mill-

---

[38] Art. 7(2) tal-Kap 424
[39] P.A. RCP **30.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Farruġia vs Elbros Construction Ltd.***
[40] P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd.***
[41] Art. 1032(1) tal-Kap 16
[42] App. Ċiv. **9.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Ronald vs Polibon Construction Ltd.***
[43] App. Ċiv. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Christian Buġeja vs Dr. Gerald Montanaro Gauċi noe***

periklu (mal-*bomb disposal unit* tal-Forzi Armati). Sa dak inhar li nqala' l-episodju mertu tal-każ, l-attur kien ilu jaħdem ma' PMM madwar ħames xhur. M'huwiex kontestat lanqas – għaliex ukoll toħroġ mix-xhieda nnifisha tal-istess attur – li l-ġbir tal-ħut mejjet mill-gaġeġ u l-ħidma ta' manutenzjoni tal-istess gaġeġ ma kenitx xi ħidma li huwa tqabbad jagħmel l-ewwel darba dak inhar. Għall-Qorti, dan ifisser għalhekk li l-attur kien għaddas ta' esperjenza u tas-sengħa, kif sewwa tissottometti PMM fin-Nota tagħha[44];

Illi kif diġa' aċċennat il-Qorti aktar 'il fuq jidher li bejn il-partijiet ma hemmx qbil dwar sewwasew x'kien ix-xogħol li l-attur (flimkien ma' sħabu) tqabbad jagħmel. Għal PMM, xogħol l-attur dak inhar kien il-ġbir (bil-mezz tal-*air lift*) tal-ħut mejjet minn qiegħ gaġġa. L-attur, kif ingħad, jgħid li korra waqt li kien qed iqandel katina ta' pajp li huwa biċċa mit-tagħmir tal-*air lift* li bih jinġibed il-ħut il-mejjet, biex jgħin lil sħabu li suppost kienu qegħdin jiġbdu dak il-pajp huma 'l fuq u beda jiżolqilhom. Minħabba f'hekk, PMM tgħid li l-attur ma korriex waqt li kien qed jagħmel ix-xogħol li ngħata, iżda għall-kuntrarju, huwa kien qed jagħmel xi ħaġa li kien jaf li ma messux jagħmilha. Min-naħa tiegħu, l-attur jilminta li PMM naqset li tagħtih (u 'l sħabu) t-tagħmir meħtieġ biex dak li ġralu ma jiġrix;

Illi fil-fehma tal-Qorti, din il-kwestjoni hija ta' siwi kbir fil-qies tal-element tar-responsabbilta' ta' dak li għadda minn għalih l-attur. Mill-provi mressqa, l-Qorti ssib li l-attur u x-xhud tiegħu jaqblu li l-*air lift* kienet qiegħda taħdem sewwa u ma kellha l-ebda ħsara[45], jaqblu wkoll li PMM tathom it-tagħmir (magħduda l-ingwanti) u li l-proċess tal-ġbir tal-ħut mejjet mexa bla ebda intopp (tant li ż-żewġ sħab tal-attur laħqu għamlu xogħolhom bla ma ltaqgħu mal-ebda saram. Iżda huwa fatt ukoll li l-pajp li jagħmel mill-*air lift* ried jittella' f'wiċċ il-baħar malli jintemm ix-xift għaliex kieku tħalla hemm kien iqatta' x-xibka tal-gaġġa jew jagħmlilha ħsara mod ieħor. Jirriżulta wkoll li, qabel ma bdew ix-xift tagħhom, l-attur u sħabu talbu li jaħdmu bil-barkun li kellu tagħmir ta' *high up* (bħal *winch*) li biha l-pajp tal-*air lift* kien

[44] Par. 8 – 9 f'paġġ. 373 – 4 tal-proċess
[45] Xhieda tal-attur 30.3.2001, f'paġ. 67 tal-proċess

seta' jittella' b'mod mekanizzat u bla tqanżih[46]. PMM ma tathomx li jaħdmu bil-barkun għaliex kellu jsir xogħol ieħor bih band'oħra[47] fir-razzett tal-ħut madwar mija u ħamsin metru 'l bogħod mill-gaġġa fejn ħadmu l-attur u sħabu, u ordnatilhom joħorġu sal-gaġġa b'dgħajsa u jiġbdu magħha dgħajsa oħra biex jgħabbu fiha l-ħut mejjet miġbur;

Illi fil-fehma tal-Qorti, il-manuvra tat-titligħ tal-pajp lejn wiċċ il-baħar ma jistax jinfired mix-xogħol ewlieni li l-attur u sħabu tqabbdu jagħmlu għaliex f'dik il-għamla ta' ħidma kien mistenni li l-ħaddiema jtellgħu t-tagħmir tal-pompa u joħduh magħhom lejn il-bażi hekk kif jintemm ħinhom fix-xift. Naturalment, kien mistenni li dak it-tagħmir jittella' kif għandu jkun u billi jinġibed 'il fuq minn min ikun qiegħed fid-dgħajsa, iżda l-għan ewlieni kien li dak it-tagħmir ma jitħalliex fil-gaġġa u li, hu u jittella', ma ssirx ħsara lix-xibka tal-istess gaġġa;

Illi jirriżulta li l-attur indaħal biex iqandel il-katina tal-pajp meta, wara li għalaq il-*valve* tal-pompa, deherlu li sħabu kellhom diffikulta' biex itellgħu l-pajp għaliex beda jiżolqilhom. Minn dan joħroġ li, l-attur kien għamilha ċara lil sħabu li kien għalaqlu l-ħin biex jogħdos u li huma kellhom jiġbdu 'l fuq il-pajp tal-*air lift*. Dan fil-fatt jidher li bdew jagħmluh. Ma jidherx li sħab l-attur talbuh jgħinhom u dan għaliex mnejn kienu huma u fejn kien għadu hu ma kienx hemm mod li wieħed jikkomunika ħlief b'sinjali. Min-naħa l-oħra, ladarba l-attur kien għalaqlu l-ħin tal-għadis, ma kienx hemm ħaġ'oħra xi ssir ħlief li jittella' t-tagħmir fil-wiċċ, għaliex iż-żewġ sħab tal-attur kienu diġa' għamlu l-ħin tagħhom jgħoddsu u ladarba telgħu ma kinux mistennija jerġgħu jinżlu jgħoddsu. Jidher, fuq kollox, li l-attur għen lil sħabu minn rajh billi qandel il-katina tal-pajp bil-ħsieb li jħaffef il-manuvra biex biha l-pajp jittella' fuq id-dgħajsa. Dak il-ħin l-attur korra. Dak il-ħin kienet qiegħda ssir manuvra li tagħmel mix-xogħol li l-attur tqabbad jagħmel u għalhekk il-Qorti ma tistax taqbel ma' PMM meta tgħid li l-attur indaħal fejn ma jesgħux. Jekk dak li

[46] Affidavit tal-attur, f'paġ. 43 tal-proċess
[47] Xhieda tal-attur 1.6.2001 u ta' Robert Aquilina 27.2.2002, f'paġġ. 90 u 155 tal-proċess

għamel l-attur kienx kif suppost hija kwestjoni oħra li l-Qorti tistħarriġha aktar 'il quddiem;

Illi għal dak li jirrigwarda l-argument ta' PMM li l-attur u sħabu messhom talbu l-għajnuna ta' ħaddieħor ladarba ltaqgħu ma' xi xkiel, jingħad li din ma tistax isservi bħala skuża biex tgħatti nuqqas li jmessu ma kienx jeżisti. Ix-xhud imressaq minn PMM seħaq li l-attur u sħabu tad-dgħajsa messhom sejħu għall-għajnuna meta raw (jekk tassew kien il-każ) li l-pjap tal-*air lift* beda jaqagħlhom 'l isfel fil-baħar minħabba ż-żlieq. Qal ukoll li setgħu użaw "*lifting bag*"[48] jew "bl-aktar mod sempliċi tniżżel ħabel"[49] biex torbtu mal-katina tal-pajp u mbagħad il-ħabel jinġibed 'il fuq minn min ikun fid-dgħajsa jew li, minn fejn kienu, sħab l-attur jgħajtu lil dawk li kienu qed iħaddmu l-barkun (bogħod ta' xi mija u ħamsin metru) biex dawn jiġu lejn id-dgħajsa ħalli jkun jista' jintuża l-*high-up* u jtella' l-pajp;

Illi l-Qorti ma jidhrilhiex li dawn is-suġġerimenti tax-xhud ta' PMM huma ta' fejda biex ineħħu minn fuqha r-responsabbilta' għar-riskju tal-korriment li setgħu jġarrbu l-ħaddiema tagħha f'qagħda bħal dik u li, fil-fatt, ġarrab l-attur. Fil-fehma tal-Qorti, biex PMM setgħet teħles minn fuqha tali responsbbilta' riedet turi li, jew ipprovdiet il-ħabel jew "*lifting bag*" jew imqar tagħmir li bih min ikun fuq dgħajsa seta' jikkomunika b'ħeffa u bla xkiel ma' min seta' jipprovdi għajnuna f'waqtha dak il-ħin (wieħed ma jridx jinsa li l-attur, sadattant, kien qiegħed taħt l-ilma u l-ħin biex jitla' fil-wiċċ kien qiegħed jagħfas). Fuq kollox, kien jaqa' fuq PMM li turi li, f'dak il-ħin partikolari, l-attur u sħabu kienet qiegħda ssirilhom sorveljanza xierqa, u dan minkejja li huma kienu ħaddiema ta' esperjenza u midħla max-xogħol li ngħataw jagħmlu[50]. Minn dan kollu PMM ma wriet xejn u dan minkejja li kien jaqa' fuqha d-dmir li turi li dak minnha suġġerit kien tassew disponibbli lill-ħaddiema tagħha. Għall-kuntrarju, intwera li dak li talbu l-ħaddiema (jiġifieri li jaħdmu bil-barkun) ma ngħatalhomx u dan ukoll jekk PMM seta' kellha raġunijiet tajbin biex taħdem bih band'oħra fir-razzett. Hemm imbagħad

[48] Xhieda ta' Robert Aquilina 27.2.2002, f'paġ. 150 tal-proċess
[49] *Ibid* f'paġ., 153 tal-proċess
[50] Ara, P.A. NA **29.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Ċini vs George Wells et noe***

ċirkostanza fattwali oħra li turi li PMM ma setgħetx ma kinitx taf (għaliex f'dak iż-żmien tal-inċident kienet għaddejja minn qagħda allarmanti ta' rata għolja ta' mwiet ta' ħut fil-gaġeġ tar-razzett tagħha fil-Mistra) li dik l-operazzjoni tal-ġbir tal-ħut kienet raġonevolment kull darba tħalli l-effett ta' żlieq fil-pajp tal-*air lift* minħabba l-għadd ta' ħut mejjet u għalhekk din kienet ukoll sitwazzjoni li PMM messha ipprevedietha, sewwasew għaliex kienet ħaġa mistennija f'dik iċ-ċirkostanza partikolari. Il-Qorti tagħmilha ċara li ma temminx li l-attur u sħabu kienu ħalqu skuża fiergħa dwar din iċ-ċirkostanza, li PMM lanqas merietha;

Illi minn dan ir-rigward u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha ta' xejra legali u ġuridika li saru aktar qabel, il-Qorti tasal għall-fehma li PMM naqset milli żżomm f'kull waqt sistema tajjeb ta' ħarsien tal-ħaddiema tagħha fuq xogħolhom. Hawnhekk għalhekk hija taqbel ma' u tilqa' s-sottomissjonijiet imressqa mill-attur, għalkemm mhux tabilfors għar-raġunijiet kollha hemm imsemmija[51], u sejra tqis li PMM trid terfa' r-responsabbilta' għal tali nuqqas;

Illi issa wieħed irid iqis l-argument ta' PMM li l-ħsara li ġarrab l-attur ġabha b'idejh. B'dan il-mod, PMM trid tgħid li m'għandhiex twieġeb għal dak li l-attur għamel minn rajh u għal dak li seta' ġralu minħabba f'hekk. Lil hinn mill-kwestjoni ta' jekk PMM kenitx tat lill-attur struzzjonijiet siewja u biżżejjed minn qabel ma beda jaħdem magħha, jidher li PMM tibni dan l-argument tagħha fuq iżjed minn ras waħda. Hija tgħid li (a) l-attur inqeda bi proċedura żbaljata biex qandel il-katina tal-pajp tal-*air lift*, (b) li l-attur reġa' beda jaħdem bħala għaddas magħha minn ħmistax-il jum wara l-episodju u dam hekk jaħdem bla ma qatt ilmenta, għal aktar minn sena oħra; u (ċ) li jekk tassew li l-ħsara li ġarrab f'Ottubru, 1995, kienet waħda li ma tgħaddix, l-attur kompla għarraqha billi baqa' jogħdos. Sussidjarjament, PMM ressqet l-argument li l-attur seta' kien nieqes mis-smigħ sa minn qabel dak inhar tal-episodju mertu tal-każ;

[51] Ara paġ. 366 tal-proċess

Illi, kif ingħad aktar qabel, il-prinċipju tal-liġi jrid li kulħadd iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu[52]. Iżda huwa wkoll miżmum u aċċettat li jrid jintwera li, minbarra s-sejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabilit ukoll li kienet dik il-ħtija li ikkaġunat id-dannu attwalment imġarrab[53]. Fuq kollox, il-liġi trid ukoll li fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li ikkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-Qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet[54]. Dan iġib miegħu wkoll tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun mod ieħor dovut lill-persuna li tkun tat hija nnifisha r-raġuni għal dak li ġralha. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra[55], u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti[56]. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjeta' għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara[57]. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li *onus incumbit ei qui dixit*, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjeta' tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha;

Illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjeta' min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjeta' fejn l-impjegat jonqos li joqgħod għal struzzjonijiet speċifiċi li jingħata mis-superjuri tiegħu, l-aktar fejn jidħol l-aspett ta' periklu, jew meta l-impjegat jagħmel jew jonqos li jagħmel

[52] Art. 1031 tal-Kap 16
[53] P.A. TM **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***David Gatt vs Peter Calleja*** (mhix pubblikata)
[54] Art. 1051 tal-Kap 16
[55] App. Ċiv. **20.1.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Galdes vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.59**)
[56] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Onorato Buġeja vs Dennis Aġius***
[57] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Fenech vs Rook Construction Ltd et***

xi ħaġa li l-ħila tiegħu u s-sengħa fix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel imisshom inebbħuh biex jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu[58]. Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li *volenti non fit iniuria*;

Illi l-Qorti sejra tibda biex tqis flimkien it-tieni u t-tielet raġunijiet imsemmija minn PMM dwar jekk l-attur ikkontribwiex għal dak li ġralu. Dan sejra tagħmlu għaliex iż-żewġ raġunijiet huma marbuta ħafna ma' xulxin – it-tnejn jinbnew fuq il-fatt li, wara li kien inqala' l-episodju f'Ottubru tal-1995, l-attur raġa' daħal jaħdem fl-istess xogħol ma' PMM, għal aktar minn sena sħiħa u, kull darba li ntalab jinżel jogħdos, ma lmentax. Il-Qorti jkollha tistqarr li dawn iż-żewġ raġunijiet, għalkemm inisslu argument qawwi, ma humiex fihom infushom ippruvati b'mod konvinċenti u l-Qorti ma tistax toqgħod fuqhom bħala konklussivi biex isostnu l-eċċezzjoni tal-kontributorjeta'. Huwa minnu li l-attur reġa' daħal għax-xogħol bħala għaddas ma' PMM ftit jiem wara li nqala' l-episodju tat-22 ta' Ottubru, 1995. Huwa wkoll minnu li PMM minn rajha tat lill-attur tlitt ijiem "mistrieħ" lill-attur wara li reġa' daħal għax-xogħol qabel ma talbitu jerġa' jogħdos fil-gaġeġ tagħha. Huwa minn wkoll li l-attur xehed li l-ispeċjalista li kien rah kien qallu li m'għandux għalfejn jibża' jerġa' jogħdos u kien qagħad fuq dak il-kliem biex serraħ moħħu li kollox kien sewwa u li kien għalhekk li ma rrifjutax it-talbiet ta' PMM biex jerġa' jogħdos.[59] Huwa minnu wkoll li l-attur qatt m'għarraf lil PMM li huwa kie għadu taħt kura ta' speċjalista (għalkemm jgħid li lil Murdo McCloud kien jinfurmah kull darba li kellu appuntament fit-taqsima tal-*out-patients*). Jirriżulta wkoll li l-attur kien jisħaq li huwa kien f'sikktu u fl-ebda waqt bejn Novembru tal-1995 u Jannar tal-1997 ma qatt ressaq xi ċertifikat mediku lil PMM dwar saħħtu[60];

---

[58] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef et vs John Pisani et noe***

[59] Xhieda tiegħu 10.11.2004, f'paġġ. 238 – 9 u 241 tal-proċess

[60] Xhieda ta' Robert Aquilina 19.11.2003, f'paġ. 226 tal-proċess

Illi, b'żieda ma' dan, il-periti mediċi maħtura mill-Qorti kollha xehdu li skond is-sintomi li wera l-attur meta eżaminawh, persuna fil-qagħda tiegħu normalment tingħata l-parir biex iżżomm 'il bogħod mill-istorbju u milli togħdos, minbarra li l-fatt li huwa kompla jogħdos probabbilment u possibilment għarrqulu s-smigħ[61] u jekk kemm-il darba għodos aktar minn tletin metru (30m) fond żgur għamel ħsara lilu nnifsu. Qalu wkoll li ma kienx għaqli li jibqa' jogħdos wara dak li kien ġralu f'Ottubru tal-1995[62]. Aktar 'il quddiem xehdu wkoll li, meta ħareġ il-fenomenu tan-nuqqas ta' smigħ, normalment l-attur kellu jingħatalu l-parir (mediku) biex jieqaf milli jogħdos aktar u li jekk kemm-il darba kellu jkompli jibqa' b'dik l-attivita', kien ser imur ħażin;

Illi, madankollu, jirriżulta li l-attur ma ngħata qatt parir minn min kien jinviżtah (ma kienx każ ta' kura għax dak li kellu ma setax jitjieb) sa qabel Jannar tal-1997. Jirriżulta wkoll li, mill-istess aċċertamenti mediċi eżaminati mill-esperti maħtura mill-Qorti, bejn l-1995 u ż-żmien li fih kienet qiegħda tinstema' l-kawża u kienu ressqu r-rapporti tagħhom, ma kien hemm l-ebda bdil fil-qari tal-*audiogram* dwar il-livell ta' smigħ u ħsara f'widnet l-attur. Jirriżulta wkoll li hekk kif l-attur ingħatalu l-ewwel ċertifikat mit-tabib tiegħu li kellu jwaqqaf xogħol li jeħtieġlu jogħdos (f'Jannar tal-1997) ma reġax għodos aktar u għarraf minnufih lil PMM. Sa dak inhar, lanqas il-bord mediku maħtur mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali ma kien għadu wasal għall-fehma li l-attur kien eliġibbli għal pensjoni ta' disabilita' dwar l-inċident ta' sentejn qabel;

Illi għall-Qorti, dan juri li, safejn jikkonċerna l-attur innifsu, minn dan ir-rigward żgur ma jistax jingħad li kien hemm kontributorjeta' min-naħa tiegħu. Juri wkoll li **bħala fatt teknikament kostatat** is-smigħ tal-attur ma naqasx bejn meta seħħ il-każ f'Ottubru tal-1995 u meta eżaminawh it-tobba maħtura bħala esperti mediċi (żmien wara li ntemm l-mpieg tiegħu), u għalhekk il-fatt li baqa' jogħdos kull meta ntalab minn PMM ma influwixxa xejn dwar il-qagħda medika tiegħu, għallanqas safejn jidħol il-grad ta' debilita'

[61] Xhieda ta' Dr. Mario Said 4.5.2006, f'paġ. 296 tal-proċess
[62] *Ibid.* paġ. 298 tal-proċess

li kien ġarrab f'Ottubru tal-1995. Huwa minħabba f'hekk li l-Qorti jidhrilha li l-argumenti ta' PMM dwar il-kontributorjeta' min-naħa tal-attur m'humiex konklussivi u lanqas tista' toqgħod fuqhom;

Illi dwar l-ewwel argument ta' PMM biex issostni t-teżi tagħha li l-attur jaħti għax ġab il-ħsara fuqu nnifsu b'għamilu, irid jingħad li dan l-argument ukoll huwa qawwi u l-Qorti jidhrilha li huwa tajjeb ukoll. PMM tisħaq fuq il-fatt li l-attur, bħala għaddas imħarreġ, kwalifikat u b'esperjenza u lil hinn mit-taħriġ li setgħet tagħtu hi qabel daħal jaħdem magħha, ma kellu qatt iqandel katina tqila waqt li kien qed jogħdos. Ix-xhud imressaq minn PMM qal ukoll li fejn jidħol irfiegħ ta' tagħbijiet taħt l-ilma, lill-impjegati jgħidulhom li m'għandu jsir qatt u li l-ħaġa tqila trid tinġibed u mhux titgħolla minn taħt[63]. L-attur ma meriex din ix-xhieda. Min-naħa l-oħra, l-Qorti tistenna li bniedem imħarreġ u kwalifikat bħalma kien l-attur kien iqisha ħaġa minn ewl id-dinja li l-manuvra li huwa għamel minn rajh u bla ma ntalab biex iqandel il-katina tal-pajp tal-*air lift* kienet xi ħaġa li ma messux għamel jew li jieqaf minnufih milli jkompli jagħmel, jekk kemm-il darba ħass li widintu bdiet turi s-sintomi li huwa semma fl-affidavit tiegħu waqt li kien għadu taħt l-ilma;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tirreferi għal siltiet minn awtur li, dwar dan l-aspett ta' rfigħ (għalkemm ma kienx speċifikatament qed jikteb dwar irfigħ ta' piżijiet taħt l-ilma), jgħid: "*Another aspect of the problem is that if a load is obviously too heavy, the man who ruptures himself trying to lift it could be said to have only himself to blame. But on the other hand pressures of work may virtually compel people to take risks they would not otherwise dream of taking, making it very hard to say that the resulting injuries are their own fault. In each case the judge has to decide which of these two equally reasonable but conflicting points of view to follow – which in turn depends upon the particular facts of the case. ... It is probably safe to conclude that employees are more likely to lose lifting injury claims than win them, since in*

[63] Xhieda ta' Robert Aquilina 27.2.2002, f'paġġ. 149 u 153 tal-proċess

*the last resort they can probably see the difficulties of the job more clearly than anyone else and the final decision to lift or not to lift usually rests with them. That does not of course make training in safe handling methods any the less essential*"[64]. X'aktarx li dan it-tagħlim jgħodd aktar fejn jidħol tqandil ta' piżijiet minn persuna li tinsab taħt wiċċ l-ilma, fejn il-pressjoni tkun ogħla minn dik atmosferika li teżisti fil-wiċċ;

Illi PMM donnha għamlet rimarki dwar jekk setax kien il-każ li l-attur diġa' kien milqut minn difett ta' smigħ sa minn żmien qabel ma daħal jaħdem magħha. Dan għamlitu kważi kull darba li eskutiet l-esperti mediċi li tqabbdu mill-Qorti. Mill-atti jirriżulta li kien hemm tassew indikazzjonijiet li juru li l-attur seta' kellu difett fis-smigħ sa minn qabel Ottubru tal-1995[65]. Kien hemm prova li huwa kien jaħdem bħala għaddas qabel ma daħal jaħdem ma' PMM u li kien mal-Forzi Armati fit-taqsima tal-*bomb disposal unit*, li wkoll tista' potenzjalment tesponi lill-attur għal pressjoni minħabba storbjijiet u effetti ta' splużjoni. Jirriżulta wkoll[66] li matul l-1996 (jiġifieri wara l-inċident u meta l-attur kien għadu impjegat ma' PMM) l-attur irrapporta mad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali li kien reġa' kellu inċident ieħor waqt ix-xogħol;

Illi, madankollu, l-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tilqa' dan l-argument ta' PMM. Fl-ewwel lok, fin-nuqqas ta' prova konkreta, il-possibilita' li l-attur seta' kien diġa' maħsus mis-smigħ qabel daħal jaħdem ma' PMM hija ċirkostanza konġetturali li ma tiswiex bħala prova. Fit-tieni lok, l-ewwel espert mediku stqarr li, minkejja li sab nuqqasijiet fis-smigħ f'widnejn l-attur u mhux f'widna waħda, xorta waħda ħa dik iċ-ċirkostanza in konsiderazzjoni u qies li d-differenza fis-smigħ bejn il-widna l-leminija u dik xellugija kienet tirrappreżenta l-ħsara li l-attur ġarrab dak inhar[67]. Fit-tielet lok, ma ntweriex li meta daħal jaħdem magħha l-attur, PMM issottoponietu għal *baseline audiogram*, u għalhekk naqset hi stess milli tista' tistabilixxi b'ċertezza jekk kemm-il darba l-attur kienx diġa' jbati mis-smigħ

[64] Whincup ***Modern Employment Law*** (9th Edit) § 14.14, f'paġġ. 266 - 270
[65] Rapport tal-Perit Mediku 4.7.2000, f'paġ. 32 tal-proċess
[66] Xhieda ta' Adrian Attard 4.6.2003, f'paġġ. 199 u 201 tal-proċess
[67] Xhieda ta' Dr, John Paċe Balzan 26.1.2001, f'paġ. 57 tal-proċess

qabel ma daħal jaħdem magħha u, wisq aktar importanti, jekk għarraqx is-smigħ matul iż-żmien li baqa' jaħdem magħha. Fir-raba' lok, kif diġa' ssemma aktar qabel, mix-xhieda ta' l-esperti mediċi addizzjonali dwar l-ewwel rapport tagħhom[68] joħroġ li dawn qalu li, mill-1995 'il quddiem, l-ebda *audiogram* li sar fuq l-attur ma wera li s-smigħ tiegħu tgħarraq jew naqas[69];

Illi minn dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li l-attur kien jaħti f'biċċa minn dak li ġralu meta qandel il-katina tal-pajp li jagħmel mill-*air lift* li kien qed jitħaddem fil-gaġġa waqt ix-xogħol li l-attur tqabbad jagħmel;

Illi bħalma ngħad, il-liġi tagħti diskrezzjoni lill-Qorti biex tgħid f'liema proporzjoni għandha tinqasam ir-responsabbilta' ladarba jkun hemm kontributorjeta'. F'dan il-każ, iċ-ċirkostanzi x'aktarx kumplessi u inafferrabbli li l-Qorti sabet quddiemha juru li l-kontributorjeta' ma xxejjinx għal kollox ir-responsabbilta' ta' PMM, filwaqt li, min-naħa l-oħra, x-xhieda oġġettiva li tressqet ma setgħetx tippreċiża b'mod konkret x'sehem kellu l-attur minn dan kollu. F'ċirkostanza bħal din, il-Qorti tħoss li jkun jgħodd il-prinċipju mħaddem band'oħra f'każijiet dwar danni, li fejn il-grad ta' responsabbilta' ma jistax ikun determinat b'ċertezza, dan jinqasam indaqs bejn il-partijiet[70]. Għalhekk, il-Qorti tqis li l-attur u PMM iridu jerfgħu responsabbilta' ndaqs għall-inċident li fih indarab l-attur;

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-ħsara mġarrba mill-attur fl-inċident tat-22 ta' Ottubru, 1995, hija waħda li ma titfejjaqx u ma titreġġax lura[71]. Hija ħsara li ma tgħaddix u hija ħsara parzjali. Mill-kostatazzjonijiet tal-ewwel perit mediku, joħroġ ukoll li "s-sintomi kollha huma lokalizzati fil-widna x-xellugija" konsistenti f'*round window rupture*[72]. Min-naħa l-oħra, l-esperti mediċi addizzjonali jirrilevaw li sabu debilita' min-nuqqas ta' smigħ fiż-żewġ widniet tal-

---

[68] Paġ. 276 tal-proċess

[69] Xhieda tagħhom 17.4.2007, f'paġ. 349 tal-proċess

[70] App. Ċiv. **20.1.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Galdes vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.59**) u App. Inf. PS **22.11.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Elmo Insurance Services Agency Ltd vs Carmel Vella Clark*** (mhix pubblikata)

[71] Xhieda ta' Dr. Ellen Paċe Balzan 5.10.2005, f'paġġ. 281 – 4 tal-proċess

[72] Paġ. 32 tal-proċess

attur u l-kejl u l-kalkolu tagħhom ta' dik id-debilita' għamluha fuq nuqqas ta' smigħ f'widnejh u mhux f'widintu x-xellugija biss;

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi biex **tillikwida d-danni** mġarrbin mill-attur, u b'hekk tqis it-tieni talba attriċi fid-dawl tat-tielet eċċezzjoni ta' PMM;

Illi jirriżulta li, dak inhar li seħħ l-inċident mertu tal-kawża, l-attur kellu tnejn u tletin (32) sena. Sakemm dam ma jmurx għax-xogħol, baqa' jitħallas[73]. Sakemm dam fl-impieg ma' PMM (jiġifieri sa' Frar tal-1997) tħallas il-paga sħiħa flimkien ma' *allowances* kollha. Wara li ntemmlu l-impieg ma' PMM sab impieg ieħor f'qasam differenti. F'xi żmien wara li nfetħet il-kawża, id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali qatagħha li l-attur kien eliġibbli għall-pensjoni tal-invalidita' u tahielu b'lura b'seħħ minn Novembru tal-1995 u għadha tingħatalu sal-lum[74];

Illi fil-każ tal-lum, jidher li l-pretensjoni tal-attur hija limitata għat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*);

Illi l-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li tgħid li fit-tfassil tal-aċċertament tad-dannu pretiż, hija trid timxi ma' dak li tispeċifika l-liġi. F'dan il-każ, il-kriterji jinsabu fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-każ li għandha quddiemha, tali kumpens irid jitqies fuq it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata diġa' minn dak inhar tal-inċident sal-lum u wkoll dak li se' jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċita' għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ. Il-kliem "inkapaċita' għal dejjem" li ssemmi l-liġi fihom iżjed minn tifsira waħda. Dan għaliex filwaqt li "f'sens mediku tikkomprendi dak id-dannu li għalkemm skaturit minn inċident speċifiku fi żmien partikolari jħalli fuq is-suġġett danneġġjat riperkussjonijiet ta' natura durevoli. F'sens legali, tikkonsisti f'dik il-qagħda fejn id-danneġġjat ma jkomplix jużufruwixxi ruħu kif imiss minn dak il-qligħ li kien jirrejalizza kieku ma kienx għall-event leżiv"[75];

[73] Xhieda tal-attur 30.3.2001, f'paġ. 76 tal-proċess
[74] Xhieda ta' Adrian Attard 4.6.2003, f'paġ. 200 tal-proċess
[75] P.A. PS **30.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Fenech et vs Sammy Meilaq noe et*** (mhix appellata)

Illi hemm linja ta' ħsieb li tqis li l-kejl tal-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun immexxi mill-prinċipju tar-*restitutio in integrum* safejn possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għandu jkun dak li jerġa' jqiegħed lill-persuna mġarrba f'pożizzjoni daqslikieku ma kien ġralu xejn[76];

Illi huwa minnu li l-liġi tagħna tagħraf bejn "telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali" u "telf ta' qligħ li jbati 'l quddiem". Huwa wkoll minnu li dawn iż-żewġ kategoriji ta' telf huma magħrufa wkoll f'sistemi evoluti ta' likwidazzjoni ta' kumpens għal ħsara li tħalli korriment, u dan meta jiddistingwu bejn "*past pecuniary loss*" u "*future pecuniary loss*". Kemm hu hekk huwa mgħallem li "*Past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It, too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest. ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain*"[77]. Din id-distinzjoni tgħin biex tingħeleb l-anomalija li tista' tinħalaq fejn il-parti mġarrba ddum ma tibda l-proċeduri kontra min ikun ġabilha d-danni jew fejn il-kawża ddum tkarkar sakemm tinqata' b'mod finali;

Illi l-Qorti tifhem ukoll li l-prattika mħaddma fil-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati hi li l-kalkolu tal-*lucrum cessans* jittieħed minn dak inhar li jkun seħħ l-inċident, jew minn dak inhar li titressaq il-kawża[78]. Iżda l-kriterju tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunitajiet għall-vittma li, kieku ma kienx għall-

---

[76] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Debono vs Andrew Vaswani*** (mhix appellata)

[77] Kemp (Ed.) Damages for Personal Injury and Death (3rd. Edit), §§ 3.02 – 3.03, f'paġ. 64

[78] App. Ċiv. **30.11.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Conti et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.500**)

inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata l-paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha[79]. Ħaġ'oħra hi li d-danni attwali konsistenti fit-tnaqqis ta' dħul b'effett dirett tal-korriment f'inċident jistgħu jimxu id f'id u kontemporanjament mat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni li jkun beda sewwasew minn dak inhar tal-korriment[80]. Huwa għalhekk li jinsab stabilit ukoll li l-*multiplier* jibda jitqies minn dak inhar tal-inċident kolpuż;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mar-regola mħaddma li l-kejl tat-telf imġarrab mill-attur irid isir bi tqabbil ma' dak li kien attwalment jirċievi kieku ma ndarabx. Id-dħul disponibbli tiegħu kien ikun dak id-dħul li jifdallu wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet għas-sigurta' soċjali u t-taxxa tad-dħul. Hekk ukoll jaħsbu l-awturi li wieħed l-aktar joqgħod fuqhom fi ħwejjeġ bħal dawn[81]. Għalhekk, meta l-Qorti sejra tqis il-kumpens, sejra timxi fuq il-qligħ nett li l-attur wera li kien idaħħal, għallanqas sakemm dam jaħdem[82];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, jirriżulta b'mod ċar li, minkejja l-inċident li għadda minnu l-attur, id-dħul tiegħu ma naqasx. Dan jingħad mhux biss għaliex, għal aktar minn sena wara l-imsemmi inċident, huwa żamm l-istess impieg sħiħ mal-istess imgħallem, iżda għaliex meta ntemmlu l-impieg minn ma' PMM, ma damx ma sab impieg ieħor f'qasam ieħor ta' xogħol (fil-*catering*). L-attur ma ressaq l-ebda prova biex juri x'bidla kellu fid-dħul bejn l-impieg tiegħu ma' PMM u l-impieg il-ġdid li sab wara. B'daqshekk biss, madankollu, ma jfissirx li l-attur ma jistħoqqlux jingħata kumpens[83];

Illi fis-sena sħiħa wara li kellu l-inċident, l-attur qala' tnax-il elf u sebgħa u tletin euro u tlieta u ħamsin ċenteżmi (€

---

[79] App. Ċiv. **7.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt vs Carbone noe*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.242**)
[80] P.A. JSP **31.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna*** (mhix pubblikata)
[81] Kemp *op. cit.* §§ 3.29 – 3.30, f'paġ. 73
[82] Ara. Maġ. (Għ) AE **2.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Camilleri noe et vs Direttur ta' l-Edukazzjoni et*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-**19.1.2010**)
[83] App. Ċiv. **1.12.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Żerafa et vs Joseph Sacco et*** u App. Ċiv. **13.4.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Galea vs Pierre Scicluna*** fost oħrajn

12,037.53) netti li kienu jgħoddu fihom il-ħlas ta' *allowances*. Din is-somma tfisser dħul ta' mitejn u wieħed u tletin euro u ħamsin ċenteżmi (€ 231.50) kull ġimgħa, meta dak iż-żmien il-paga minima kienet erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (€ 94.06)[84]. Il-paga minima llum telgħet għal mija u tlieta u ħamsin euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmi (€ 153.45). Jekk wieħed kellu jqis il-paga minima dak inhar li l-attur korra mqabbla mal-paga li kellu dak iż-żmien, u l-paga minima llum, jasal biex jaħdem fuq moltiplikand ta' tliet mija u sebgħa u sebgħin euro u ħamsin ċenteżmi (€ 377.50) kull ġimgħa, jew dsatax-il elf sitt mija u disgħa u għoxrin euro u tnejn u tletin ċenteżmi (€ 19,629.32) fis-sena[85]. Il-Qorti sejra tadotta din is-somma bħala kejl bażi tal-kalkolu tagħha għaliex, fil-fehma tagħha, tirrappreżenta medja xierqa ta' dak li globalment kien mistenni jaqla' l-attur, meħud b'qies ukoll il-fatt ta' kemm fadal snin x'jinħadmu skond il-*multiplier* applikabbli għall-każ tiegħu;

Illi fil-każ tal-lum, il-kwestjoni tal-grad ta' debilita' mġarrab mill-attur minħabba l-inċident ħalaq kwestjonijiet li ż-żewġ partijiet tħabtu biex jistabilixxu. Dan il-fatt ġara minħabba li (i) filwaqt li l-ewwel perit mediku sab debilita' biss f'widna waħda, il-periti mediċi addizzjonali ħadmu fuq debilita' fiż-żewġ widniet tal-attur, (ii) l-attur ilminta kemm minn telf ta' smigħ u kif ukoll minn tisfir fil-widna tax-xellug, u (iii) minħabba li wieħed ried jiddetermina l-perċentwali tad-debilita' fis-smigħ fil-qafas ta' debilita' globali tal-persuna (jiġifieri f'dik li hija msejħa "*overall disability*");

Illi l-Qorti hija tal-fehma sħiħa li, sabiex tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet. B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qegħda tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilita' li l-vittma

[84] Ara A.L. 126 tal-1992 (L.S. 452.71)
[85] € 231.49 / € 94.06 = 2.46 x € 153.45 x 52 = € 19,629.32

"takkumula" perċentwali ta' debilita' li donnhom "jippremjawha" kumulativament b'mod sempliċement matematiku. Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "*partial wreck cases*", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident. F'dan il-każ, il-perċentwali tad-diżabilita' jistgħu jiġu "*weighted*" f'perċentwali globali[86];

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti jidhrilha xieraq li tinqeda b'sistema mħaddem f'oqsma ta' likwidazzjoni tad-danni magħruf bħala *whole person impairment*. Dan is-sistema jitħaddem ukoll fil-Qrati tagħna[87];

Illi fil-każ tal-ewwel ċertifikat (sa ċertu punt *ex parte*) maħruġ lill-attur fi Frar tal-1997 (jiġifieri xi sena w nofs qabel fetaħ din il-kawża) mill-bord mediku taħt id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali sab li d-debilita' tal-attur kienet ta' tletin fil-mija (30%)[88]. L-ewwel perit mediku mqabbad mill-Qorti wasal għall-fehma li l-attur ġarrab debilita' permanenti ta' għoxrin fil-mija (20%) li huwa fisser ripetutament bħala "*overall*"[89]. Min-naħa tagħhom, il-periti mediċi addizzjonali fir-rapport datat 7 ta' Ġunju, 2005 (imressaq fit-28 ta' Ġunju, 2005)[90] biex jiċċara l-ewwel rapport tagħhom tal-25 ta' Mejju, 2005 (fejn naqsu li jagħtu grad ta' debilita')[91], waslu għall-fehma li l-attur ġarrab debilita' ta' għoxrin fil-mija (20%) maħduma "according to standard disability formulae". Meta ttellgħu jixhdu in eskussjoni, iċċaraw li r-rata li taw kienet ir-rata dwar in- nuqqas ta' smigħ u mhux "*overall disability*" f'liema każ din tinżel aktar[92]. Għalhekk, ressqu rapport ieħor f'Ġunju tal-2006[93], biex sabu li r-rata tal-għoxrin fil-mija li semmew fir-rapport ta' qabel kienet issarraf f'sebgħa fil-mija (7%) debilita' globali fuq l-attur. Meta reġgħu ttellgħu jixhdu in eskussjoni – din id-darba miż-

[86] Ara, per eżempju, P.A. RCP **7.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Bottone vs Rita Saliba et***
[87] Ara, per eżempju, P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Sylvia Degiorgio et vs Massimiliano Da Crema*** (mhix appellata) u P.A. TM **7.7.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Josef Farruġia vs Thomas Tanti*** (mhix appellata)
[88] Dok "RP1", f'paġ. 5 tal-proċess
[89] Xhieda ta' Dr. John Paċe Balzan 26.1.2001, f'paġ. 58 tal-proċess
[90] Paġġ. 276 – 7 tal-proċess
[91] Paġġ. 269 – 270 tal-proċess
[92] Xhieda ta' Dr. Mario Said 4.5.2003, f'paġġ. 302 u 306 tal-proċess
[93] Dok "PMA", f'paġ. 313 tal-proċess

żewġ partijiet – fissru li r-rata globali msemmija kienet tieħu qies ukoll tal-fatt li l-attur kien jaħdem ta' għaddas u li kellu tisfira kontinwa f'widintu ("*tinnitus*") x-xellugija u li l-qagħda medika f'dak ir-rigward ma kinitx sejra titbiddel "strettament fuq kwantifika"[94]. Huma stqarrew ukoll li mxew ma' tabelli xjentifiċi li jintużaw mit-tobba biex jikkwantifikaw il-ħsara li jkun ġarrab il-ġisem fi trawmi jew inċidenti;

Illi din hija l-qagħda li l-Qorti sabet quddiemha meta ġiet biex tqis il-kwestjoni tal-grad ta' debilita' fl-attur;

Illi l-Qorti tqis, fl-ewwel lok, li l-ħsara pruvata li ġarrab l-attur fl-inċident mertu tal-każ hija, kif sab l-ewwel perit mediku, limitata għal widintu x-xellugija. Fit-tieni lok, jidhrilha li riferenza waħedha għal tabelli mediċi ma tikkostitwix "uniformita' tal-kriterji direttivi għall-fatt li jeżistu varjanzi ta' perċentaġġi minn tabella għal oħra ... (filwaqt li) ma jirrappreżentawx mezz ta' prova speċifika u diretta tal-preġudizzju soffert"[95], u għalhekk iridu jservu ta' gwida imma mhux tabilfors biex jorbtu 'l dak li jkun b'dak li jistabilixxu;

Illi għalhekk, il-Qorti stħarrġet din il-kwestjoni b'riferenza għall-għejjun li l-periti mediċi addizzjonali bnew is-sejbiet tagħhom fuqhom. Minn dan l-istħarriġ il-Qorti sabet li huwa stabilit bħala linji-gwida li "*Permanent hearing impairment is a permanently reduced hearing sensitivity, outside the range of normal for the individual or based on population normal values. Hearing should be evaluated after maximum rehabilitation has been achieved and when the impairment is no longer accelerating beyond an age-appropriate rate. Evaluate hearing impairment based upon the individual's binaural hearing, determined from pure-tone audiogram. Criteria for evaluating hearing impairment are established through hearing threshold testing, which serves as the most reproducable of the measures of hearing. Therefore, estimate an impairment percentage based on the severity of the hearing loss,*

[94] Xhieda tal-periti addizzjonali 17.4.2007, f'paġġ. 341, 343 u 346 tal-proċess
[95] Ara P.A. PS **30.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Fenech et vs Sammy Meilaq noe et*** (mhix appellata)

*which accounts for changes on the ability to perform activities of daily living.* ***Tinnitus*** *in the presence of unilateral or bilateral hearing impairment may impair speech discrimination. Therefore, add up to 5% for tinnitus in the presence of measurable hearing loss if the tinnitus impacts the ability to perform activities of daily living. ... Hearing impairment is measured by evaluating hearing in each ear separately and both ears together, based on audiometric measurements. Hearing impairment is reported in each ear separately and both ears together*"[96];

Illi fid-dawl ta' dan kollu u wara li (i) l-Qorti qieset sewwa x-xhieda mogħtija mill-esperti mediċi addizzjonali, (ii) l-attur ma tilifx il-possibilita' li jsib impieg ieħor minflok dak li kellu ma' PMM, (iii) l-attur ma weriex li t-tisfir f'widintu x-xellugija żammu milli jwettaq attivitajiet tal-ħajja ta' kuljum, u (iv) li fl-istima tagħhom, il-periti mediċi ħadu qies tal-fatt li l-attur kien għaddas u ma baqax, jidhrilha li għandha tadotta l-grad ta' debilita' globali stabilita mill-istess periti ta' sebgħa fil-mija (7%);

Illi dwar l-għadd ta' snin li l-Qorti għandha tadotta minħabba t-telf ta' dħul għall-ġejjieni, marbuta mal-fattur ta' kemm kellu żmien l-attur dak inhar tal-inċident, il-Qorti sejra tadotta *multiplier* ta' ħamsa u għoxrin (25) sena[97]. F'dan il-każ, illum huwa aċċettat li l-kriterju ta' kif wieħed iqis il-kejl tal-*multiplier* huwa wieħed li jagħti diskrezzjoni lill-ġudikant[98], li huwa mistenni li jqis u jiżen iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fid-dawl ta' twettiq ta' eżerċizzju li jagħti kumpens b'ħaqq u mhux b'xi mantra matematika[99];

Illi għal dak li jirrigwarda t-tnaqqis li s-soltu jsir mis-somma likwidata għaliex ikun se' jsir ħlas f'daqqa, huwa stabilit li f'każ ta' tnaqqis minħabba l-ħlas f'daqqa (dak li jissejjaħ "*lump sum payment*") ż-żmien jibda jitqies minn meta

---

[96] Cocchiarella & Andersson ***Guides to the Evaluation of Permanent Impairment*** (5th Edit, 2001) Chap 11, pp. 246 – 251

[97] P.A. LFS **24.1.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***James Spiteri vs Joseph Magro et*** (appellata)

[98] App. Ċiv. **3.12.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Darren Sammut vs Eric Żammit***

[99] P.A. JZM **13.7.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Jeffrey Caruana vs Carmel Montesin*** (appellata)

tinfetaħ il-kawża u mhux minn dak inhar tal-inċident[100]. F'dan il-każ, għalkemm l-attur fetaħ il-kawża tliet (3) snin wara l-inċident, il-Qorti ma jidhrilhiex li huwa xieraq li jsir tnaqqis għaliex it-tul li ħadet il-kawża biex tasal għall-għeluq tagħha ma jaħtix għalih l-attur[101];

Illi, billi l-Qorti waslet għall-fehma li l-attur kellu sehem f'dak li ġralu u li r-responsabilta' trid tinqasam indaqs ma' PMM, għalhekk PMM trid tħallas lill-attur nofs is-somma li sejra tkun likwidata;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti tasal biex tillikwida d-danni li jmissu jitħallas l-attur bħala telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*) fis-somma ta' sbatax-il elf mija u ħamsa u sebgħin euro u sitta u sittin ċenteżmi (€ 17,175.66)[102];

Illi għalhekk, it-tieni u t-tielet talbiet attriċi sejrin jintlaqgħu ukoll u għall-istess raġunijiet il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' l-eċċezzjonijiet dwarhom imressqa minn PMM għaliex m'humiex mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' limitatament l-ewwel talba attriċi billi** ssib li kemm il-kumpannija imħarrka u kif ukoll l-attur jaħtu ndaqs għall-inċident li seħħ fit-22 ta' Ottubru, 1995, waqt li l-attur kien qiegħed jogħdos waqt ix-xogħol tiegħu mal-istess kumpannija mħarrka u li fih huwa ġarrab ħsara parzjali li ma tgħaddix;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida l-ħsara li ġarrab l-attur minħabba fl-imsemmi inċident fis-somma ta' sbatax-il elf mija u ħamsa u sebgħin euro u sitta u sittin ċenteżmi (€ 17,175.66);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka biex tħallas lill-attur is-somma hekk likwidata ta'

---

[100] App. Ċiv. **27.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Annunzjata Caruana vs Odette Camilleri***
[101] P.A. TM **7.7.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Yvonne Cassone pro et noe vs Alfred Calamatta et noe***
[102] € 377.487 x 52 x 25 x 0.07 = € 34,351.32 / 2 = € 17,175.66

sbatax-il elf mija u ħamsa u sebgħin euro u sitta u sittin ċenteżmi (€ 17,175.66), flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq dik is-somma b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tilqa' f'parti t-tieni eċċezzjoni iżda tiċħad l-eċċezzjonijiet** l-oħrajn kollha tal-kumpannija mħarrka, għaliex ma jirriżultawx mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt; u

**Tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka tħallas l-**ispejjeż tal-kawża**, bla ma tapplika għall-każ id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ladarba t-talbiet tal-attur, fis-sustanza, ntlaqgħu kollha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------